MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2008

Numru. 1443/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**KONTRA**

**LUKE SPITERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Luke Spiteri ta' 19 sena, iben Mario u Caroline nee' Spiteri, imwieled Tal-Pieta' nhar il-15 ta' April, 1988, residenti fil-fond 128, Flat 3, St Helen Street, Sliema, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 196088M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew il jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ approprja ruhu minn flejjes migbura, liema flejjes jammontaw ghas-somma ta’ iktar minn Lm500.00 (hames mitt lira maltin), imma inqas minn Lm1,000.00 (elf lira maltin), liema flejjes kienu jappartjenu lil kumpanija FGL Information Technology, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amminstrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, u dan bi ksur tal-Artikoli 293, 294, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta .

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f’dan l-istadju ta’ dawn il-proceduri, wara il nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 293, 294, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Luke Spiteri hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------